# IS-SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI

## Avviż

### Obbligu li Jiġu Rrapportati Dgħajjes Tradizzjonali Abbandunati jew li Qegħdin Jiddeterjoraw fuq ix-Xtajta

SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI
SUPERINTENDENCE OF CULTURAL HERITAGE

---

Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (iktar 'il quddiem "is-Sovrintendenza") tavża lill-Kunsilli Lokali, il-Kooperattivi, l-NGOs u l-Organizzazzjonijiet Volontarji kollha li għandhom aċċess għall-kosta **bl-obbligu tagħhom li jinfurmaw lis-Sovrintendenza** dwar kwalunkwe inġenju tal-baħar tradizzjonali li jinstab **abbandunat, mitluq, jew fi stat ta' deterjorament** tul ix-xtajta, fuq l-art tal-kosta, jew fl-ispazji pubbliċi kontigwi, fosthom, iżda mhux biss, *luzzijiet, frejgatini, firilli, kajjikki, dgħajjes tal-pass, dgħajjes tal-latini*, u inġenji vernakulari oħra bħad-*dgħajjes tar-regatta*, il-*wejla*, ix-*xieri* u l-*bimbu*.

Id-dgħajjes tradizzjonali Maltin huma protetti bid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (KAP. 445). Kwalunkwe intervent li jaffettwa l-kundizzjoni tagħhom, inkluż it-tneħħija, ir-rilokazzjoni, id-disponiment minn, jew il-qerda tagħhom **jeħtieġ li jiġi avżat minn qabel u jsir skont il-gwida tas-Sovrintendenza u wara l-approvazzjoni finali tagħha**.

Meta jidentifikaw inġenji ta' dan it-tip, il-Kunsilli Lokali huma meħtieġa:

1. **Javżaw lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali minnufih**, filwaqt li jagħtuha l-post preċiż (fejn possibbli, il-koordinati tal-GPS), ritratti, u deskrizzjoni fil-qosor ta' f'liema kundizzjoni jinsab l-inġenju tal-baħar.
2. **Joqogħdu lura milli jneħħu jew jiddisponu mill-inġenju tal-baħar** sakemm is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali toħroġ direzzjoni bil-miktub dwar l-evalwazzjoni, il-ħarsien, jew kwalunkwe azzjoni awtorizzata.
3. **Jipprovdu lill-uffiċjali tas- Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali** b'aċċess biex jispezzjonaw, jiddokumentaw, u jiddeterminaw il-valur kulturali.
4. **Jiżguraw li fl-interim l-inġenju jiġi mħares** biex jiġi evitat aktar deterjorament, vandaliżmu, jew ċaqliq qabel ma ssir l-evalwazzjoni.

Min ma josservax l-obbligi deskritti hawn fuq jista' jkun soġġett għal proċeduri skont l-Artikolu 70 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali peress li tali azzjoni tikkomprometti l-protezzjoni tal-patrimonju marittimu sinifikanti fuq livell nazzjonali.

Kull komunikazzjoni marbuta ma' dgħajjes tradizzjonali abbandunati jew li qegħdin deterjorati għandha tiġi indirizzata lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fuq:
**Email:** info.sch@gov.mt **filwaqt li jiġi kkopjat** movables.sch@gov.mt **Telefon:** +356 23950000

Is-Sovrintendenza tapprezza l-kooperazzjoni tal-Kunsilli Lokali kollha biex inħarsu l-patrimonju marittimu ta' Malta u naċċertaw li d-dgħajjes tradizzjonali, parti mill-pajsaġġ kulturali tagħna li xejn ma jista' joħdilha postha, jiġu protetti għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

**Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali**